# Dwar l-Isla Snin Ilu...



Ftit ilu kont ix-Xatt, naturalment ta' l-Isla, jew Senglea, u meta wasalt ħdejn jew taħt fejn aħna nsejħulu *Tas-Sorijiet*, fejn illum hemm *Home*, waqaft ħalli nara, fejn proprjament kienet il-lukanda, reklamata fid-***Daily Malta Chronicle*** tal-21 ta' Diċembru, 1898, dwar 111-il sena ilu.

Għax wara kollox, mur obsor li anke lukanda kellna, eżattament, ir-*Royal Oak Hotel*, li jirreklama li f'dan il-*hotel*, ikliet issib f'kull ħin, u għandu stokk kbir ta' nbejjed u spirti. L-indirizz? 88, Triq Marina, Senglea. U sentejn wara, fil-5 ta' Settembru, 1900, insibu lil Mrs. G. Gordon li "titlob li tinforma lill-pubbliku" b'dak kollu li kien hemm reklamat qabel.

Fid-D.M.C. tal-21-12-1898, nsibu wkoll dan l-avviż: **REFRESHMENT SALOON. *The rendezvous*, 16 u 17 Strada Vittoria, Senglea (mixja ta' ftit minuti mid-Dockyard). Salon Privat għan-nisa u l-familji, fejn refreshments huma provduti b'puntwalità u ndafa. JOSEPH URPANI, Propjetarju.**

Ir-***rendezvous*** bqajna narawh sa qabel il-Gwerra (1939–1945) u kien jidher li xi darba kien post ta' klassi, bis-salon, il-*private*, u kawba mal-ħitan.

L-Isla, hekk kif inhija qrib it-Tarzna, qrib il-bastimenti sorġuti, bilfors li kienet, kif ngħiduha, l-ewwel art għan-nies tas-servizz navali. U madankollu, anke għan-nies tal-armata. Ma ninsewx li fi Triq is-Sirena kien hemm is-*Sargeants' Mess*, kif ukoll ukoll dak tal-*Army*.

Fil-21 ta' Frar, 1900, insibu fid-*Daily Malta Chronicle*, li sejjer isir *"Variety Performance by Dockyard Employees For Transvaal War Fund."* Irridu ngħidu hawnhekk,

li l-Gwerra bejn il-Gran Britannja u t-Transvaal (il-*Boer War* – 1899–1902) kienet fl-aqwa tagħha, u minn hawn kienu jinġabru fondi, ħwejjeġ, flus u saħansitra lariġ għas-suldati li kienu jikkumbattu taħt kondizzjonijiet iebsin ferm, hemm fl-Afrika ta' Isfel.

Il-programm varjat, qalulna se jiġi mogħti mill-impjegati tat-Tarzna Navali fin-*Naval Church Institute*, Strada Marina, Senglea fis-Sibt ta' wara. Fost l-*items* li se jiġu murija se jkun hemm farsa tad-daħk, bl-isem ***Area Belle***. Id-dħul wara li jitħallsu l-ispejjeż, se jmur għat-*Transvaal War Fund*.

## PERSONALITAJIET FL-ISLA

Fit-18 ta' Awissu, 1899, insibu l-aħbar li Mr F. Ellul, L.L.D., ġie maħtur *Avvocato Fiscale* tal-Qorti Arċipiskopali mill-Arċisqof–Isqof ta' Malta (Mgr. Pietro Pace) flok Mr. M. Debono, L.L.D. Din l-għażla magħmula mill-Arċisqof intlaqgħet b'approvazzjoni ġenerali speċjalment mill-abitanti ta' l-Isla, fejn Dr. Ellul hu meritatament irrispettat. Dr. Ellul kien Senglean.

Fit-28 ta' Lulju, 1899, tħabbret il-mewt ta' Dr. Antonio Ghio M.D. Dr. Ghio, tabib irtirat, miet fis-26 ta' Lulju, fl-għomor ta' 84 sena. Dr. Ghio kien tabib ewlieni distint tal-pulizija, u twieled fl-Isla fl-1816. Huwa daħal fis-servizz fl-1839 u espona ħajtu minghajr ebda biża' wara diversi epidemji tal-kolera.

Huwa kkontribwixxa mhux ftit fit-titjib ta' l-istat sanitarju ta' Malta, biex nikkwotaw kliem ta' Gvernatur ta' dak iż-żmien. Huwa miet f'Tas-Sliema. Dr. Ghio ma beżax minn kritika meta ried imexxi mhux biss riformi mediċi iżda anke fid-drenaġġ li kien fil-bidu tiegħu f'Malta.

B'Richard Ellis kulħadd sema' żgur: pijonier tal-fotografija professjonali f'Malta, u ritratti klassiċi tiegħu jafu bihom u użawhom barra minn Malta. Richard Ellis kien wieħed minn familja ta' 24, u kien imrobbi mill-familja Conroy. Ta' 12-il sena, Ellis kien magħhom f'Pariġi u kien jistudja l-fotografija fil-famuża akkademja ta' Daguerre. Fl-1861 huwa ġie Malta u fetaħ l-ewwel studio tiegħu fl-Isla, fejn dam sal-1871 ġo l-Isla, meta mbagħad mar fetaħ studio fi Triq id-Dejqa, il-Belt.

F'din is-sena wkoll, 1871, allura il-famuż artist Giuseppe Calì, kien iżżewweġ mara mill-Isla, Perennia Pace, u minnha kellu għaxart itfal. Fosthom, dawn l-għaxra ħariġlu artist ukoll kbir, ibnu Ramiro, li għandu bosta xogħlijiet fi knejjes u djar privati madwar Malta. Jiena niftakru meta kont il-Liceo, jgħallimna d-disinn, u niftakar il-paċenzja li kien jieħu magħna. Kellu d-dehra ta' artist minn kollox, xagħru, ilbiesu, kollox kien jurik li hu artist.

## U INĊIDENTALMENT ...

Sirt naf minn fuljett maħruġ mill-***Għaqda Dilettanti Mudelli tal-Knejjes***, preċiżament f'artiklu minn Vincent Galea, dwar il-kappella tal-Lunzjata fir-Rabat, li "barra li nsibu diversi patrijiet Karmelitani midfunin f'din il-knisja, insibu wkoll irħama li tgħid li hemm midfuna l-qalb tal-Gran Mastru La Sengle. Frankament jew ma kontx nafha, jew kont naf biha u nsejtha, din.

Nixtieq lis-Sengleani kollha, barra u ġewwa l-Isla, festa tajba, sabiħa u qaddisa. Wara kollox ... bħal dejjem!

**Charles Clews**